MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tas-6 ta' April, 2005

Appell Kriminali Numru. 162/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph John Agius**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph John Agius talli f'dawn il-Gzejjer fit 8 ta' Lulju 2002 u matul dan l-ahhar xahar gewwa Birkirkara u bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta' l-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-

licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu esklussiv tieghu skond ir-ricetta kif provdur fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Il-Qorti giet mitluba li minbarra l-piena stabbilita mil-ligi hija tordna lill-imsemmi Joseph John Agius ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta’ April 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Joseph John Agius hati ta' l-imputazzjoni dedotta u kkundannatu ghall-piena karcerarja ta’ sittax (16) il-xahar u ghall-multa ta’ sitt mitt lira Maltin (Lm600) pagabbli b'rati mensili ta' ghoxrin lira (Lm20) u fin-nuqqas il-multa tinbidel f'jum prigunerija ghal kull hames lri (Lm5), kif ukoll ordnat id-distruzzjoni ta' l-esibiti taht il-harsien tar-Registratur tal-Qorti;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Joseph John Agius ipprezentat fis-16 ta’ April 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka w tikkancella s-sentenza appellata li biha sabitu hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u minflok tilliberah minn kull htija w piena jew alternattivament tvarja l-istess sentenza f'dik il-parti li tikkoncerna l-piena nflitta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-appellant jikkontendi fir-rikors ta' appell tieghu li d-decizjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti ghandha titqies *"unsafe and unsatisfactory"*. L-appellant jghid li huwa

ammetta ghal pussess semplici tad-droga eroina fil-mori tal-kawza u m'ammettiex illi tali sustanza nstabet f'cirkostanzi illi juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu. Isostni li biex l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li d-droga ma kinitx ghall-uzu esklussiv ta' l-appellant, hija ghamlet apprezzament hazin tal-fatti peress illi ghamlet taghha t-tezi tal-prosekuzzjoni illi s-sejbien ta' diversi oggetti li gew esibiti f'dawn il-proceduri kien sufficjenti sabiex iwassal ghall-htija ta' l-appellant skond l-imputazzjoni kif dedotta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. L-appellant jghid li l-ezami approfondit li kellha taghmel l-ewwel Qorti kien li tevalwa jekk id-dokumenti esebiti mill-prosekuzzjoni jwasslux ghall-konviciment morali taghha ta' pussess aggravat.

Fil-kamp ta' apprezzament tal-provi huwa principju stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

**The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it."**

Issa, fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant iressaq argumenti dwar id-dokumenti kollha individwalment. Jghid li d-diary b'diversi numri tat-telefon ma tefa' l-ebda dawl fuq il-kaz u tant kemm kien irrilevanti li ma jirizultax li l-prosekuzzjoni ghamlet xi investigazzjoni fuq in-numri tat-telefon li kien hemm fih. Dwar ir-romblu ta' stretch and seal, is-citric acid u s-siringa uzata jghid li dawn huma kompatibbli ma' persuna li tabbuza mid-droga. Dwar l-eroina li nstabet jghid li min jabbuza minn din id-droga irid jixtri. Il-pussess ta' boroz tal-plastik godda fih innifsu ma jwassal lill-Qorti ghall-ebda inferenza. Il-magazine u l-borza tal-plastik b'karti mqattghin huwa kompatibbli ma' persuna li tabbuza mid-droga li tqassam id-droga tieghu fi qratas biex jikkonsma perjodikament u b'hekk jevita konsegwenzi tragici. Fl-ahharnett jghid li c-cirkostanzi li fihom nstabet id-droga ma jistghux iwasslu ghall-konkluzjoni li kienet intiza biex tigi traffikata; tant il-prosekuzzjoni ma kellhiex suspett li d-droga ma kinitx ghall-uzu esklussiv ta' l-appellant, li lanqas saritlu mistoqsija wahda dwar jekk fil-fatt kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu. Waqt is-sottomissjonijiet orali l-abbli difensur ta' l-appellant irrefera ghas-sentenza citata mill-ewwel Qorti biex issahhah il-konkluzjoni raggunta minnha, cioe` **Il-Pulizija v. John Attard** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-17 ta' Frar 1997 u qal li dak li sfuggiet lill-ewwel Qorti kien li f'dik il-kawza l-imputat ma kienx jabbuza mid-droga filwaqt li f'dan il-kaz l-appellant jabbuza mid-droga.

Din il-Qorti tosserva l-ewwelnett li l-ewwel Qorti  qalet fis-sentenza taghha, korrettement, li hija qiset l-indizji kollha **flimkien** biex waslet ghall-konkluzjoni li l-prosekuzzjoni kienet ippruvat il-pussess aggravat. Fil-fatt, prova wahda wahedha tista' tkun ekwivoka, u ghalhekk irid jigi kkunsidrat l-assjem tal-provi. Certament is-sejbien tas-*citric* acid u ta' siringa uzata huma indikattivi ta' abbuz ta' droga. Fil-fatt ir-rapport tal-ufficjal tal-*probation* John Testa jikkonferma li l-appellant ghandu problema estensiva u ghalkemm ghamel tentattivi biex ifieq minn din il-problema, qatt ma rnexxielu jtemm programm residenzjali.

L-ahhar programm li kien fih kien gewwa Sant'Anna waqt li kien qieghed iservi sentenza ta' prigunerija. Mill-banda l-ohra s-sejbien ta' numru ta' qratas bl-eroina, diversi qratas vojta u godda, magazine li minnu kienu qeghdin jinqatghu dawn il-qratas, romblu ta' *stretch and seal* u boroz tal-plastik godda huwa indikattiv ta' persuna li qed tipprepara qratas biex tittraffikahom, cioe` li l-eroina ma kinitx intiza biss ghall-uzu esklussiv tieghu. Huwa veru li fil-kawza citata (**Il-Pulizija v. John Attard**), l-imputat ma kienx jabbuza mid-droga. Dan ma jfissirx *a contrario sensu* li min jabbuza ma jistax ikollu fil-pussess tieghu droga li ma tkunx ghall-uzu esklussiv tieghu. Ta' min jghid li l-ewwel Qorti dehret konxja ta' din id-differenza ghax, ghalkemm fil-kawza citata (apparti li kien hemm l-aggravanti li r-reat sehh entru perimetru ta' mitt metru minn skola) l-ammont ta' droga kien inqas, il-piena f'dik il-kawza kienet akbar.

F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti ma ssibx raguni biex tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti dwar il-htija ta' l-appellant ta' pussess aggravat.

L-appellant jilmenta wkoll dwar il-piena li jsostni li kienet esagerata. In materja ta' piena, il-principju regolatur huwa li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li fil-fatt tkun inghatat.

M'hemm l-ebda dubju li l-piena nflitta taqa' fil-parametri tal-ligi ghall-htija riskontrata mill-ewwel Qorti fl-appellant, fejn il-piena massima stabbilita mil-ligi hija ferm u ferm oghla minn dik li ghaliha gie kkundannat l-appellant. Barra minn hekk meta titqies il-fedina penali tieghu u anke l-opportunitajiet li diga` nghata biex jirriforma ruhu, din il-Qorti ma tara l-ebda raguni biex tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti f'dik li hija l-piena nflitta. B'danakollu din il-Qorti se taghmel ir-rakkommandazzjoni infraskritta sabiex l-appellant ikollu l-opportunita` jkompli l-process ta' rijabilitazzjoni li jidher li ghad ghandu bzonn.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Tirrakkommanda lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin biex jipprovdi lill-appellant l-ghajnuna kollha mehtiega sabiex jigi inserit fi programm ta' rijabilitazzjoni minhabba l-problema li l-appellant ghandu ta' abbuz tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------